



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 30.11.2011
KUMM(2011) 816 finali

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 30.11.2011

dwar l-evalwazzjoni esperta indipendenti dwar l-EIT

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 30.11.2011

dwar l-evalwazzjoni esperta indipendenti dwar l-EIT

Sfond

- (1) Fil-11 ta' Marzu 2008, permezz tar-Regolament (KE) Nru 294/2008 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill¹ (aktar 'il quddiem "ir-Regolament"), ġie stabbilit l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (aktar 'il quddiem "l-EIT").
- (2) Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament EIT, il-Kummissjoni għandha tipprevedi evalwazzjoni tal-EIT. Din għandha tkun ibbażata fuq evalwazzjoni esterna indipendenti tal-EIT u għandha teżamina kif l-EIT jaqdi l-missjoni tiegħu.
- (3) L-evalwazzjoni esterna tal-EIT tlestiet fil-31 ta' Mejju 2011 mill-ECORYS.
- (4) Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIT, il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-riżultati tal-evalwazzjoni, flimkien mal-opinjoni tagħha stess u, fejn xieraq, kwalunkwe proposta għall-emenda ta' dan ir-Regolament, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Kummenti

- (5) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi r-riżultati tal-evalwazzjoni esterna indipendenti tal-EIT.
- (6) Il-Kummissjoni tapprova r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin mill-evalwazzjoni esterna indipendenti u se titlob lill-EIT biex jimplimentahom:
 - L-EIT għandu jkompli jeżisti fil-format attwali tiegħu għall-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss. L-approċċ tiegħu wera li għandu potenzjal kbir. L-EIT għandu jespandi gradwalment u jkompli jiffoka fuq it-tisħiħ taċ-ċentri ta' eċċellenza eżistenti.
 - Fid-dawl tal-għażla u l-ħatra ta' KICs futuri, l-EIT għandu jipprovdi gwida ċara u konsistenti dwar l-istenniji tiegħu kif ukoll dwar l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-KICs futuri. Qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-għażla u l-ħatra ta' KICs ġodda, l-EIT għandu jipprovdi notifika pubblika tat-temi ta' interess wesgħin sabiex il-konsorzji jkunu jistgħu jiżviluppaw il-pjanijiet tagħhom u għandu jiżgura perjodu ta' żmien xieraq biex ikunu jistgħu jħejju l-proposti tagħhom.
 - Il-punt fokali tal-EIT għall-perjodu 2011-2014 għandu jkun fuq il-konsolidazzjoni u l-implimentazzjoni. Għandu jistabbilixxi proċeduri b'saħħithom li jkunu żviluppati permezz ta' proċess ta' tagħlim reċiproku mal-KICs eżistenti. L-EIT għandu jkompli jiżviluppa, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea u l-KICs attwali, proċeduri

¹ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 1

simplifikati oħra għat-tħaddim tal-EIT fil-Horizon 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

- L-EIT għandu jistabbilixxi proċeduri sodi ta' monitoraġġ flimkien mal-KICs u b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea. Dan għandu jinkludi l-kejl tal-prestazzjoni tal-EIT meta mqabbla mal-għanijiet tiegħu stess. Il-punt fokali għandu jkun l-istabbiliment ta' approċċ ibbażat fuq ir-riżultati. Prijorità immedjata hija li jintużaw ir-riżultati ta' tali proċedura ta' monitoraġġ biex tiġi vvalutata l-prestazzjoni tal-KICs individwali u tal-EIT b'mod globali.
- L-EIT għandu jilqa' kultura ta' ftuħ u impenn estern li permezz tagħha jista' jiżviluppa u jaqsa it-tagħlimiet tal-prattika. Għandu jfittex l-għarfien espert estern fl-iżvilupp ta' mudelli ġodda ta' intraprenditorija, innovazzjoni u edukazzjoni, jaħdem b'mod attiv ma' inizjattivi oħra b'għanijiet simili u jqis kif l-attivitajiet tiegħu jistgħu jgħinu fil-bini tal-kapaċità madwar l-UE.
- L-EIT għandu jkun individwali iżda għandu jipprova jippromwovi sinerġiji ma' inizjattivi u programmi oħra tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-inklużjoni tal-EIT fil-Horizon 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni - se tgħin fil-ħolqien ta' rabta aktar mill-qrib ma' inizjattivi tal-UE tar-riċerka u l-innovazzjoni li jippruvaw jippromwovu aġendi komuni.
- L-EIT għandu jippubblika t-tagħlimiet li jkun kiseb fl-applikazzjoni tad-derogi disponibbli fir-regoli u r-regolamenti finanzjarji tiegħu li jirregolaw l-operazzjonijiet tiegħu. Dan għandu jkun ibbażat fuq it-tagħlimiet miksuba mill-iżvilupp tal-ewwel KICs u għandu jfittex li jibbilanċja xewqa għall-flessibbiltà u għal approċċ simplifikat mal-ħtieġa għar-responsabbiltà għall-fondi pubbliċi. Dan għandu jikkontribwixxi għall-iżvilupp futur tal-Horizon 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.
- L-EIT għandu jirrevedi l-istrateġija ta' komunikazzjoni tiegħu u l-iżvilupp tal-marka tal-EIT. L-EIT għandu jieħu approċċ aktar proattiv għall-immarkar tal-iżvilupp u jidentifika b'mod ċar il-valuri li qed jipprova jippromwovi.
- L-EIT għandu jirrevedi l-livelli tar-reklutaġġ, il-pjan tar-riżorsi u l-proċeduri tal-ġestjoni interna tiegħu fid-dawl tal-mudell strateġiku magħżul għall-istituzzjoni. Iż-żieda fir-reklutaġġ għandha tkun gradwali u marbuta ma' kull żieda fil-funzjonijiet tal-EIT.
- L-EIT għandu jiżviluppa aktar ir-rwol strateġiku tiegħu. Għandu jiffoka fuq kif it-tagħlimiet miksuba mill-operazzjoni tal-KICs jistgħu jintużaw biex tinbena l-kapaċità għall-innovazzjoni fl-Istati Membri madwar l-UE. Din mhijiex attività intensa fir-riżorsi iżda għandha tikkumplementa l-ħidma tal-KICs.

Magħmula fi Brussel, 30.11.2011

*Għall-Kummissjoni
Androulla Vassiliou
Membru tal-Kummissjoni*